# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


---

Minuti tas-seduta numru ħamsin (50) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-25 ta' Frar, 2010, fis-6:15pm, fil-Bini Miniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-**minuti tas-seduta** preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-minuti**

3. Rigward **Triq il-Kuċċard** Publius Abdilla semma li jista jkun hemm diżgwid dwar min huma s-sidien tal-propjeta li għandha tiġi esproprijata u li għalhekk ikun aħjar jekk il-KLHS jivverifika dan minn l-aktar fis. Is-Sindku qal li dak għandu jkun il-kompitu tal-*lands department* sabiex jiddeterminaw min huma s-sidien il-propja u li dawn jistgħu ma jkunux l-istess nies li jaħdmu l-art. Publius Abdilla tenna wkoll li hemm biċċa ħajt kollu ħaxix ħażin li jista jitneħħa u jsir *patching* temporarju sabiex intaffu xi ftit mil-problema tar-residenti li qegħdin isibuha diffiċli ferm joħorġu mill-garage tagħhom speċjalment fir-*rush hours*, pero il-kunsilliera l-oħra sostnew li jkun ahjar jekk il-proġett isir f`daqqa.

4. Pietru Pawl Busuttil irrimarka li din il-ġimgħa innota ħafna traffiku fejn iċ-ċimiterju li qed isuqu bi **speed eċċessiv** u li dan qed ikun ta' periklu speċjalment għall-pedestrijani.

5. Fuq it-talba għax-**xelter** is-SE ikkonferma li l-ittra intbagħtet lid-Direttur tal-Gvern Lokali fit-Taqsima tad-Devoluzzjoni. Is-Sindku kkonferma li ġie ikuntatjat is-segretarjat ta' Jason Azzopardi, s-Sur Dino Bonnici f'dan ir-rigward.

6. Fuq l-applikazjoni tas-sħubija tal-KLHS mal-**Gal Xlokk** is-SE ikkonferma li l-Kunsill reġa bagħat ittra għat talba tiegħu.

7. Rigward l-**iżvilupp fi Triq il-Karwija** intqal li l-kunsilliera jħossuhom diżappuntati ferm li l-ADT ma kkonsultatx mal-Kunsill qabel ma beda x-xogħol preliminari u li l-kunsilliera kellhom jsiru jafu rigward dan l-izvillup minn terza persuni.

8. Rigward l-installar tas-***cctv cameras*** fiċ-ċentru tar-raħal ġie miftiehem li Eddie Bonello jiltaqa personalment mas-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sur Mario Salerno, fil-ġimgħat li ġejjin sabiex jieħu l-parir ta' din il-lokalita' żgħira viċin tagħna li għandha installati *cameras* tas-sigurta'.

9. Rigward ir-**restawr tan-niċċa tad-Duluri,** l-kunsilliera ddeċidew li jiġi ikkuntatjat ir-restawratur, is-Sur Chetcuti, ħalli jiġi kkonfermat meta jista jibda dan ix-xogħol.

10. Is-Sindku kkonferma li l-***wire*** li inqala minn Triq il-Kuċċard issa reġa twaħħal.

11. Eddie Bonello semma li t-tabella **Safi Centre** quddiem l-ispiżerija għandha tinbidel u ssir safra bl-iswed biex iktar tiġbed l-attenzjoni.

12. Is-Sindku semma li fuq One TV filwaqt li ġie jidher ritratt tiegħu intqal li l-KLĦS immexxi minn Pietru Pawl Busuttil irrifjuta t-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni biex tintuża **s-sala tal-komunita'** minn Dr. Muscat nhar il-21 ta' Frar, 2010. Huwa sostna l-punt li ġiet irrifjutata minħabba l-assoċjazzjoni diretta mal-politika ta' Dr Muscat bħala Kap tal-Oppożizzjoni.

13. Giet diskussa t-tabella tal-***one way*** u l-post ta' fejn din għanda titwaħħal. Francis Callus sostna li l-permess "*except residents*" jidher diskriminatorju għal residenti li joqgħodu fil-parti ta' fuq ta' Triq San Pawl. Jerome Busuttil u Pietru Pawl Busuttil wieġbu li l-iskop ta din il-one way kien biex naqtgħu t-traffiku mill-Pjazza tar-Raħal u jekk nagħmluha aktar l-isfel jinħoloq inkonvenjent għal ħafna nies. Wara s-suġġeriment ta' Publius Abdilla, intlaħaq il-ftehim li tinbidel il-kelma 'residents' għal 'part of Saint Paul street' mit-tabella ta' naħa t'isfel biex b'hekk nies li mhumiex residenti imma għandhom xi garage, jkunu jistgħu jitilgħu bla problemi. Indirettament din tiġi *cul de sac*.

**<u>Korrispondenza</u>**

14. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-**Tribunal tal-Kawżiet Żgħar** sabiex is-sindku jidher quddiem il-Ġudikatura nhar il-Ġimgħa, 16 ta' April, 2010 għall-appell rigward il-każ ta' l-inċident fi triq il-Karwijja.

15. Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand il-**Wasteserve** b'proposta sabiex jiġi iffirmat kuntratt ġdid rigward il-*bring in site bins* fil-lokalita. Il-Wasteserve mhux ser tibqa tiġbor l-iskart hi u għal daqstant ser tikri l-bins lil Kunsill bla ħlas. Wara ħames snin dawn il-*bins* isiru propjeta tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu wkoll jidħol f'kuntratt ieħor ma' wieħed miż-żewġ kumpaniji ġodda li joffru s-servizz ta' ġbir ta' skart mil-bring in site minflok il-Wasteserve. Għal kull tunnelata ta skart li

jinġabar dawn ser iħalsu €20 lil Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li nkelmu lil dawn iż-żewġ operaturi mill-aktar fis sabiex niddiskutu l-proposti tagħhom.

16. Inqrat l-ittra ta' ringrazjamnet lil bagħtet il-Kap ta' l-Iskola ta' Ħal-Safi rigward l-approvazzjoni ta' l-istima għall-**manutenzjoni tal-bankijiet** tal-ġebel biswit il-librerija pubblika. Din l-istima tammonta għall €103 u l-KLĦS talab l-irċevuta fiskali sabiex jagħmel dan il-pagament lill-iskola.

17. Inqrat ukoll ittra mingħand id-Dipartiment ta' l-Istatistika sabiex isir **stħarriġ fuq l-iskart domestiku** li jinġabar fi Triq Piju Zammit. F'dan ir-rigward, il-KLĦS għandu jwieġeb lil dan id-Dipartiment bid-dettalji meħtiega.

18. Inqrat ittra li waslet mingħand is-Sinjura **Angela Callus**, fejn hawnhekk sostniet xi punti li tkellmet fuqhom fil-Laqgħa Pubblika li nżammet nhar it-18 ta' Frar, 2010 fosthom li r-residenti għandhom jiġu aktar informati dwar l-iżviluppi tal-Kunsill u li ssir anki konsultazzjoni mal-pubbliku minn qabel. Issuġerixxiet ukoll li l-Kunsill jkun aktar vicin tal-Kumitati tar-Raħal. Ma' dan il-Kunsill qabel għalkemm sostna li f'ċertu każijiet għandu jiġi mill-pubbliku li javviċina lil Kunsill għall-informazzjoni.

## Installazzjoni ta' *PV panels* fuq il-bejt tal-Kunsill

19. Is-Sindku talab **sospenzjoni tal-aġenda** u kien hemm qbil unanimu sakemm tidħol is-Sinjura Angela Zammit, residenti f'Ħal Safi flimkien ma' l-Engineer tal-Kumpanija Wurth liema kumpanija hi tirrapreżenta hawn Malta. Is-Sinjura Zammit bdiet billi irringrazjat il-Kunsill talli laqa' l-istedina tagħha sabiex titkellem f'din il-laqgħa dwar il-prodotti ta' din il-kumpanija rigward il-ħsieb tal-Kunsill li fuq il-bejt tal-Kunsill jinstalla pannelli li jipproduċu l-enerġija alternattiva mix-xemx fil-forma ta' elettriku li tkun imqabbda mal-*grid*. Hi tat introduzzjoni ta' din il-Kumpanija filwaqt li l-Engineer kompla billi wera preżentazzjoni informattiva fuq il-*laptop* dwar il-manifatturar u tipi differenti tal-panelli kif ukoll l-operat tal-kumpanija tagħhom. L-Engineer spjega diversi vantaġġi meta imqabell ma' prodotti oħra fis-suq bħal-*cristalline*. L-prodott tagħhom imsemmi *tin film* għandu l-vantaġġ li jekk l-panella titgħatta parzjalment b'xi dell, din tibqa tirrendi l-enerġija b'mod aktar effiċenti minħabba il-ġeometrija taċ-ċelloli fil-panella. Vantaġġ ieħor huwa li l-panelli tagħhom ma għandhomx saldjar u għalhekk jirrekjedu inqas manutenzjoni u jservu aktar. Vantaġġ ieħor huwa li l-performance ta' dan it-tip ta' panelli jaħdmu aħjar minn panelli oħra f'temperaturi għolja bħal ma huma dawk ta' Malta fis-Sajf. Is-Sra. Zammit tennet li l-kumpanija Wurth tenfasizza ferm dwar il-*branding* tagħha u għal daqstant toffri garanzija ta' tiswija anki wara li jkunu għaddew diversi snin.

## Performance Bonuses

20. Is-Sindku talab lis-Skrivana toħroġ mil-kamra tas-seduti sabiex jiġi diskuss il-*Performance Bonus* ta' l-impjegati tal-kunsill li huma ntitolati għas-sena

finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2009. Unanimament, is-Sindku u il-Kunsilliera approvaw l-entitolament massimu ta' 6% għall-impjegati kollha tal-Kunsill li servew f'dan il-perjodu. L-iSkrivana reġgħet intalbet tidħol fil-kamra sabiex titkompla l-laqgħa.

**Jum Ħal Safi**

21. Għal nhar il-**Ġimgħa 9 ta' April, 2010** ġie diskuss u approvat li waqt il-Kompetizzjoni tal-Inbid, l-Għaqda Letterarja tal-Malti magħrufa bħala Vers Agħtini ser jiprovdu programm speċjali li jinkludi siltiet mil-Letteraratura Maltija kif ukoll kant ta' l-għana. Il-prezz huwa ta' €90 u ser jinħareġ mill-fond tal-ospitalita' sabiex is-serata tkun animata aħjar b'mod differenti.

22. Rigward il-*wine tasting*, ġie diskuss u deċiż li navviċinaw kumpaniji stabbiliti ta' l-inbid biex jisponsorjaw din l-attivita billi jiprovdulna wine tasters. Bhala rikonoxximent ta' sponsorship, il-Kunsill jkun lest jagħmel riklam (logo) fl-avviż ta' din is-serata kif ukoll fis-serata infisha.

23. Rigward ikel, ser jiġi ordnat pizza kif wkoll inbid. Il-Kunsill ser jordna wkoll it-tazzi tal-premjazzjoni mingħand Horace Enterprises kif isir is-soltu. Għal dan, Eddie Bonello ser imur għand din il-kumpanija personalment.

24. Għal nhar is-**Sibt 10 ta' April, 2010**, filwaqt li Dr. Chris Said u Dr. Stefan Buontempo ġew diġa mistiedna, ġie deċiż li tintbagħat stedina personali lil Kappillan, Dun Karm, Coaches tal-football u t-tabib tan-*Nursery* Dr. Gauci, il-Kap ta' l-iSkola, il-Kumitat Premju Onoreficenza, nies innominati u premjati fil-passat, impjegati tal-Kunsill inklużi dawk tad-*Day Care Centre*, Alfred Degiorgio, Ex-Kunsilliera, Dorianne Zammit Briffa, Tarcisio Barbara f'isem il-Kunsill Parrokkjali, Charles Polidano u Paul Polidano, Supratendent Raymond Vella Gregory u Spettur Carlos Cordina, Marion Borġ, Sorijiet Dumnikani, Kor Sine Macula, Kor Sancte Paule, lis-Superjur u Superjura tal-Mużew, Guzi Sammut, Kunsill Skolastiku, Każin Banda San Pawl u fergħat kollha, il-kumitat kollu tal-Każin PN u Każin PL, il-President tal-Gvern Lokali s-Sur Michael Cohen u d-Direttur is-Sur Natalino Attard.

25. Rigward il-*performance*, ġie avvicinat Mario Ciantar li ser ikun jista jdoqq bil-vjolin għall-siegħa. Il-prezz huwa ta' €100 u dan ġie approvat mill-Kunsill. Il-Kunsilliera ddeċidew ukoll li javviċinaw lil Għaqda Poeti Maltin biex jgħatu *performance* f'din is-serata wkoll.

26. Il-programm maħsub li ser jibda fis-7:30pm u jiġi mqassam b'15 il-minuta poeziji, 20 minuta daqq ta' vjolin, 30 minuta allokati għall-premjazzjoni, 20 minuta daqq ta' vjolin u 15 il-minuta poeziji.

27. Għal nhar il-**Ħadd 11 ta' April, 2010** ser ikun hemm Quddiesa solenni filgħodu. Wara jsir l-marċ tal-Banda segwit b'riċeviment fis-sala tal-Kunsill.

**<u>Ħwejjeġ oħra</u>**

28. Eddie Bonello preżenta sample mingħand Horace Enterprises tat-**tabelli ta' informazjoni** li ser jintużaw biex jitwaħlu fuq bini storiku. Huwa qal li dawn jiswew ċirka €20 u li huma ta' kwalita tajba għax jirreżistu sew kontra x-xemx u x-xita. Għaldaqstant il-kunsilliera approvawhom filwaqt li l-iskrivana għandha tkellem l-ex-Deputat Segretarju biex jiġi finalizzat il-kliem sabiex dawn jitlestew.

29. Eddie Bonello rrimarka li it-***Tower Crane*** ta' Triq il-Nassaba ġie miżbuħ bi spray aħmar u mhux abjad bi strixxi suwed kif suppost. Għaldaqstant, hemm bżonn li s-sid jiġi kkuntatjat mill-Kunsill.

30. Eddie Bonello ressaq ilment mingħand xi residenti rigward il-**linji s-sofor ta' Triq Dun Karm Vella**. Huwa qal lil dawn ir-residenti biex jibgħatu ittra kollittivatament lil Kunsill Lokali sabiex il-proposta tagħhom tiġi evalwata.

31. Il-Kunsill irċieva **sample tal-Mappa ta' Ħal Safi** li tinkuldi ħafna postijiet rurali. Il-Kunsilliera qablu li f'din il-mappa ninkludu biss il-built up area sabiex il-postijiet tal-*Heritage Trail* jispikkaw aktar fuq il-mappa u t-toroq jkunu ċari kemm jista jkun.

32. Is-Sindku qal li hemm **bankina mkissra** fi Triq il-Biedja kantuniera ma' Triq id-Dolmen u li wieħed mir-residenti jixtieq jirranġha għas spejjez tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan jista jsir basta din il-persuna tikkonsulta mal-Kunsill fuq it-tip ta' paviment li ser iwaħħal sabiex tinżamm uniformita fil-kulur u tip tal-banikini tar-raħal. Semma wkoll bankina fi Triq ta' Rqajja li għandha bżonn tiġi rranġata. Il-Kunsill qabel li din għanda ssir mill-aktar fis possibbli minħabba li hija ta' periklu għan-nies li jużawha.

33. Francis Callus ressaq **l-ilment tas-Sinjura Nadia Mifsud** li kellha inċident bil-vettura tagħha quddiem il-Villa tal-Perit Ninu Zammit. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jitkellem mas-Sinjura Mifsud u jekk ma jintlaħaqx ftehim il-flus jinqatgħu mill-kontijiet pendenti tal-Kunsill mal-Kuntrattur filwaqt li jitħalsu d-danni lis-Sinjura Mifsud mil-Kunsill direttament.

34. Il-**laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi** ser titkompla nhar it-Tnejn 1 ta' Marzu, 2010 fis-6:15pm biex jiġu diskussi diversi suġġetti urġenti li tħallew barra mill-agenda ta' llum speċjalment il-Premju Onorefiċenza, t-Tender ta' Misraħ San Ġużepp u l-*payment approval sheet*.

35. Il-laqgħa ntemmet fid-9.15pm.

Approvati llum 11/03/2010

Pietru Pawl Busuttil — Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa ta' kontinwazzjoni tas-seduta numru ħamsin (50) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-1 ta' Marzu, 2010, fis-6:15pm, fil-Bini Miniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

36. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

**Kumitat Premju Onorifiċenza**

37. Publius Abdilla issuġerixxa u l-kunsilliera qablu li fil-**Kumitat tal-Premju Onorefiċenza** ta' din is-sena ma jkunx hemm persuni ta' parentela stretta. Is-Sindku ppropona wkoll li għal din is-sena navviċinaw lis-Sur Tarcisio Barbara. Għaldaqstant, il-kunsilliera qablu li l-kumitat ta' din is-sena jkun magħmul minn dawn il-persuni:

- Ms Maria Camilleri Cutajar (*Chairperson*)
- Ms Angela Callus
- Ms Pauline Zammit
- Mr Edwin Abdilla
- Mr Tarcisio Barbara

38. Il-Kunsilliera qablu wkoll li jkollna **lista ta' nies bħala riserva** kemm il-darba n-nies li ser jiġu avviċinati għal-membri fil-kumitat ma jkunux jistgħu jieħdu din il-kariga. Il-kunsilliera qablu li r-riserva ta' din is-sena tkun magħmula minn dawn il-persuni:

- Mr John Zammit
- Mr Noel Busuttil
- Ms Angelique Zammit
- Mr Gilian Bonello
- Mr Salvu Zammit

39. Ġie deċiż li għal issa niktbu ittra biss lin-nies li ser jagħmlu parti mill-Kumitat tal-Premju Onorifiċenza u f'każ li ma' jkunux jistgħu jieħdu din il-kariga biss niktbu lil persuni oħra mil-lista tar-riserva.

40. Is-Sindku semma li ltaqa ma' **Dr. Stefan Bontempo** u li dan rringrazzja lil Kunsill Lokali ta' l-invit għal Premju Onoreficenza.

41. Il-Kunsilliera ddeċidew li għall-Quddiesa solenni u r-riċeviment ta' nhar il-Ħadd 11 ta' April, 2010, il-Kunsill jistieden lill istess nies li ġew mistiedna personalment għal-Premju Onoreficenza. Dan ser isir fuq l-isess invit.

42. Ġie deċiz li l-***flyers*** **bil-programm ta' Jum Ħal Safi** jitqassmu bieb bieb u jkunu jinkludu:

    a. Il-programm sħiħ ta' Jum Ħal Safi;
    b. It-talba biex jiġu sotomessi in-nomini mill-pubbliku għan nomina tal-Premju Onoreficenza u d-data ta' l-għeluq;
    c. Is-sejħa għal parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni ta' l-inbid u nota sabiex jinkisbu l-applikazzjonijiet u r-regolamenti mill-uffiċju tal-Kunsill u d-data ta' l-għeluq.

43. L-iSkrivana qalet li kkuntatjat lis-**Sur Mario Ciantar, il-vjolinist** li ser idoqq nhar is-Sibt 10 ta' April, 2010 waqt is-serata tal-Premju Onorifiċenza u dan ikkonferma li ser idoqq għal 20 minuta u 20 minuta b'waqfa fin-nofs ta' madwar 30 minuta sakemm jiġi mogħti l-premju.

44. L-**Għaqda Poeti Maltin** ikkuntatjaw il-Kunsill sabiex jiddiskutu r-rwol tagħhom f'din is-serata. Il-ġurnata ta' din il-laqgħa għad trid tiġi deċiża.

45. Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu li tingħata tifkira żgħira lil persuni maħtura fil-Kumitat tal-Premju Onoreficenza.

46. Finalment il-kunsilliera talbu lis-SE sabiex jikteb ittra lil Każin tal-Banda sabiex ninformawħ uffiċjalment dwar it-talba tal-Kunsill biex isir l-marċ nhar il-Ħadd 11 ta' April, 2010 filgħodu u lil Kappillan rigward il-Quddiesa.

**<u>Għażla tat-tenders – Misraħ San Ġużepp</u>**

47. Is-SE qara l-***opening of tenders summary sheet*** fl-ordni li nfetħu t-tenders. J & K Contractors Ltd ikkwota €43,774.81, PSV Contractors Ltd ikkwota €43,399.08 u Polidano Brothers Ltd ikkwota €49,790.99.

48. Il-Kunsilliera ddiskutew t-*tender documents* u ddeċidew li jgħaddu dawn id-dokumenti lil Perit tal-Kunsill, Robert Musumeci għall-evalwazzjoni professjonali tiegħu. Is-Sindku ser jieħu dawn id-dokumenti personalment lil-Perit għada. Fuq il-Parir tal-Perit, il-Kunsill jkun jista jagħmel id-deċizjoni tiegħu kif ukoll is-Sindku fakkar li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta vantaġġjuża.

49. Il-Kunsilliera sostnew ukoll li l-*Contracts Manager* għandu jkun preżenti f'diversi ġranet waqt li x-xogħol jkun għaddej sabiex jassigura li dan qed isir kif suppost. Jekk il-*Contracts Manager* ma jagħmilx dmiru sew, dan ma jitħallasx tax-xogħol u għandu jinbidel mil-aktar fis.

50. Is-Sindku kkonferma li ltaqgħa ma' wieħed mit-*tenderers*, Polidano Brothers personalment rigward il-kwistjoni tas-Sinjura Nadia Mifsud li kellha inċident bil-vettura tagħha quddiem il-Villa tal-Perit Ninu Zammit minħabba negliġenza ta' din il-Kumpanija waqt xogħlijiet li kienu qed isiru f'din it-triq. Is-Sindku sostna mas-Sur Polidano li l-ispejjeż għad-danni li jammontaw għal €630 għandhom jitħallsu mill-aktar fis. Is-Sur Polidano fehem il-każ u għal dan il-kumpanija Polidano Brothers għamlet *cheque* pagabbli lil KLĦS li jammonta għal €650 sabiex is-Sinjura Mifsud titħallas.

**Heritage Trail**

51. Il-Kunsilliera ddiskutew għal liema postijiet ser issir it-tabella ta' informazjoni fuq il-postijiet storiċi. Dawn bdew jaqraw il-lista ta' postijiet li ser jiġu identifikati fuq il-mappa ta' *Safi Heritage Trail* u ddecidew li titwaħħal it-tabella ta' informazzjoni fis-siti msemmija hawn taħt:

- Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi,
- Il-Każin San Pawl,
- Is-Salib tad-Dejma,
- Il-Knisja ta' Santa Marija,
- Il-Ġnien ta' Ball,
- Iċ-Ċentru Parrokkjali,
- Il-Villa ta' Dun Ġwann,
- Il-Ħajt Ruman.

Eddie Bonello ser jmur għand Horace Enterprises sabiex dawn isiru mil-aktar fis.

**Ħwejjeg oħra**

52. Ġiet approvata l-***Payment Approval Sheet*** numru 43 minbarra l-pagament tal-Perit Robert Musumeci kif indikat.

53. Il-**laqgħa ta' kontinwazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Safi** se ssir nhar l-Erbgħa 3 ta' Marzu, 2010 fis-7:00pm biex tiġi diskussa r-risposta tal-Perit fuq id-dokumenti tat-tender għax-xogħolijiet f'Misraħ San Ġużepp.

54. Il-laqgħa ntemmet fil-10.15pm.

Approvati llum 11/03/2010

Pietru Pawl Busuttil Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


---

Minuti tal-laqgħa ta' kontinwazzjoni tas-seduta numru ħamsin (50) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-3 ta' Marzu, 2010, fis-7:00pm, fil-Bini Miniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |

55. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

**<u>Għażla tat-tenders – Misraħ San Ġużepp</u>**

56. Is-Sindku qal li ċempel lil Perit Musumeci u sostnielu li l-KLĦS għandu bżonn ta' gwida tajba għal l-għotja ta' dan it-tender u biex jgħidilna minn huwa l-aħjar anki minkejja l-fatt li l-KLĦS qatt ma ħadem ma' tnejn mill-kuntratturi li tefgħu it-tender, J & K Contractors Ltd u PSV Contractors Ltd u b'hekk huwa diffiċli biex huma jagħżlu. Il-Perit irrefera għall-fax tiegħu li bgħat lil kunsill fejn irrimarka li l-Kunsill għandu jagħżel l-irħas offerta bil-kundiżjoni li l-kumpanija tforni lista ta' dokumenti u informazzjoni qabel ma jiġi aġġudikat it-tender.

57. Is-SE qara din il-fax għal l-informazzjoni tal-Kunsilliera. Fuq dan il-parir, il-Kunsill iddeċieda li jmur għal l-irħas offerta, dik magħmula minn PSV Contractors Ltd.

58. Is-Sindku sostna li ġa la darba x-xogħol jingħata lil din il-kumpanija, irridu inniżlu fil-kuntratt l-iskont ta' 3% fuq il-kont finali li din l-kumpanija tat fid-dokument tat-tender tagħha.

59. Is-SE ser jagħmel ittra biex ninfurmaw lil PSV Contractors Ltd li dawn ġew short listed u dwar l-informazjoni rikjesta mill-Perit u sabiex dawn iwieġbuna bl-informazzjoni kompluta fi żmien 7 t'ijiem. L-ittra ser tiġi ppreparata mis-SE wara s-seduta u tittieħed personalment għada filgħodu bl-idejn minn Jerome Busuttil.

**<u>Installazzjoni ta' *PV panels* fuq il-bejt tal-Kunsill</u>**

60. Is-SE qal li l-Kunsill irċieva d-dokument tat-tender mingħand l-Engineer Curmi. Irrimarka li d-dokument tat-tender jidher li jispeċifika sistema ta 1.62kWp biss u b'hekk jista jgħati l-każ li applikanti b'sistemi aktar għolja ma jkunux jistgħu japplikaw. Għaldaqstant, is-SE ser jibagħat e-mail sabiex l-Engineer Curmi jkun jista jiċċara t-termini ta' dan it-tender.

**Ħwejjeg oħra**

61. Is-SE ppreżenta rikonċiljazzjoni tal-kontijiet pendenti mal-kumpanija Polidano Brothers fejn irrimarka li kien sar *overpayment* ta' €663.26 f'Novembru ta' 2009 għaliex il-5% tal-*Contracts Manager* ma kienetx inqatgħet mill-kont fuq it-tarmak tas-sqaq ta' Triq il-Karwija. Għaldaqstant, il-Kunsill qed iżomm lura pagamenti pendenti fuq xogħolijiet oħra li sas-27 ta' Frar kienu jammontaw għal €508.11. B'hekk, il-KLĦS għandu ammont ta' flus li għandu jieħu mingħand din il-kumpanija li jammonta għal €141.15. Għal dan il-kunsilliera sostnew li għandu jingħata aktar importanza lill-*payment approval sheet* u li mhux titħalla fl-aħħar sekonda kemm jinġabru il-firem fuqha fi tmiem il-laqgħa.

62. Il-**laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi** li jmiss se ssir nhar l-Ħamis 11 ta' Marzu, 2010 fis-6:00pm.

63. Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

Approvati llum 11/03/2010

Pietru Pawl Busuttil Segretarju Eżekuttiv